# KUNSILL LOKALI MQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tlieta u sittin (63) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tnejn, 6 ta' Diċembru, 2010, fis-7:00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Din **il-laqgħa** minkejja li kienet imsejħa għal ġurnata aktar tard, jiġifieri għas-7 ta' Diċembru, 2010, inżammet illum, **ġurnata qabel,** wara proposta mis-sindku li kienet ċirkulata lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* li magħha huma qablu. Din il-laqgħa minkejja li kienet imsejħa bħas-soltu fis-6:30pm, bdiet fis-7:00pm peress li s-sindku wasal tard u ta' dan skuża ruħu mal-kunsillieri li stennewh.

2. Il-**minuti tas-seduta preċedenti** kienu meħuda bħala moqrija, ġew approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li sarulhom mill-kunsillieri wara li dawn kienu mibgħuta mis-segretarju eżekuttiv aktar kmieni permezz ta' *e-mail.*

**Punti mill-minuti:**

3. Is-sindku qal li bħalissa qed isir it-**tqaxxir** mill-*ispray and chipping* ta' diversi toroq fosthom dik **tas-*service* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, parti B**. Hu qal li sfortunatament intlaqtu żewġ *cables* tal-*GO plc* u bħalissa hemm xi residenti mingħajr linja tat-telefon. Sadanittant, se ninsistu mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (KSI) sabiex jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-*lean mix* li ntefa' f'dawn l-inħawi minħabba li sar il-gandott tad-drenaġġ li dgħajjef il-bażi tat-triq.

4. Is-sindku qal li l-***computers*** li kellna fir-*reception* wara li saritilhom spezzjoni mill-fornitur Tiffranka Dot Com, ġew dikjarati bħala apparat li ma jissewwiex. Għaldaqstant, hu qal li jaqbel li dawn jiġu *written off* mill-assi tal-KLM u ma jibqgħux jidhru fuq il-kotba tagħna. Dwar dan il-kunsillieri qablu. Sadanittant, is-segretarju eżekuttiv qal li se jitlob din id-dikjarazzjoni bil-miktub mingħand dan il-fornitur. *Printer* li wkoll ilu ma jintuża għaliex hu bil-ħsara, **HP laser jet** sar qbil li ukoll jiġi ***written off*** minn fuq il-*fixed assets register* tal-kunsill, għaliex il-ħsara li għandu u ż-żmien li għandu mhux *vale la pena* li jissewwa.

5. Is-segretarju eżekuttiv kien mitlub mis-sindku jivverifika jekk il-ħames applikanti li applikaw għall-**kors tat-tpenġija**, ħallsux fl-uffiċċju tal-*customer care* l-ammont li kien dovut biex b'hekk titħallas l-Għalliema, Ms Maria Tonna. Dan se jsir aktar tard billi jiġu spezzjonati l-kotba tal-irċevuti.

6. Il-kummenti ġenerali għad-diżinji u d-**dekorazzjonijiet tal-Milied** fit-toroq, li twaħħlu mal-antarjoli fil-Pjazza tal-Knisja, kienu illi dawn ġew żgħar ħafna. Is-sindku qal li ħadd ma basar li diżinn daqshekk kbir meta jittella' fil-għoli daqstant, jiġi jidher daqshekk ċkejken. Huwa kompla li s-sena d-dieħla jinħtieġ li jitkomplew għalhekk isiru abkar.

7. Il-ħarġa li kien se jorganizza il-KLM għall-***Marsovin Wine Vaults***, issa tħassret wara li ma kienx hemm konkorrenza mill-pubbliku. Jekk kien hemm min diġà ħallas, se jingħata l-flus lura.

8. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi l-ġimgħa d-dieħla se jiltaqa' il-**Kumitat Konġunt Żurrieq** u ninsabu ħerqana biex naraw xi żblokki seħħew fil-konfront tal-investigazzjoni li hija antiċipata li ssir fi ħdan l-istess kumitat minħabba allegati irregolaritajiet.

9. Dwar il-**pannella fotovoltaika** li waħħal il-KLM fuq il-Bini tal-Isptar il-Qadim sa minn Ġunju li għadda, li sal-lum il-ġurnata għadha mhix imqabbda mal-*grid* tal-Korporazzjoni Enemalta, is-sindku qal li kulħadd qed iwaħħal f'ħaddieħor. L-*istakeholders* huma *Alberta Fire & Security*, l-Korporazzjoni Enemalta u l-Awtorità Maltija għar-Riżorsi.

10. Dwar il-***workshop*** li huwa antiċipat fost l-oħrajn għat-**8 ta' Diċembru**, is-sindku qal li s'issa għadna ma rċevejna l-ebda stedina formali mis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, minkejja li l-KLM ta l-permess għal dawn l-attivitajiet fl-Isptar il-Qadim.

11. Għall-attività mtella' fl-Iskola Primarja Mqabba dwar ir-rabta ta' **San Nikola** u l-Milied, il-viċi sindku qal illi pprovdielhom żiemel biex din tkun aktar awtentika u ħajja, kif ukoll biex tnissel aktar għarfien dwar l-annimali fost iċ-ċkejknin. Min-naħa tagħha l-Kap tal-Iskola irringrazzjatu ta' dan l-impenn.

12. Is-sindku ħeġġeġ lill-kunsillieri u lis-segretarju eżekuttiv sabiex jattendu għall-mawra li se ssir fir-**Residenza San Vinċenz de Paule** fejn hu mistenni li nżuru erbatax-il anzjan /a Mqabbi /ja. L-arranġamenti qed isiru mill-Kunsillier Paul Spiteri biex jinxtraw ċistuni /basktijiet taċ-ċarruta u nagħtuhomlhom mimlijin bil-frott frisk. Din se ssir nhar il-Ħamis, 9 ta' Diċembru, 2010 mill-4:00pm 'il quddiem. Wara din l-attività is-sindku se jilqa' l-istedina mill-**Liċeo Margaret Mortimer** sabiex jassisti għal Jum il-Premjazzjoni li wkoll se tinżamm fis-sala tar-Residenza San Vinċenz de Paule.

13. Il-Perit Anthony Bezzina lesta **l-istima tat-tindif u l-qlugħ tal-ħajt tal-kantun, tal-inħawi tax-xatba tal-emerġenza tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (*MIA*)** f'Tas-Sejba. Dawn l-istimi se jintbagħtu lis-Sur Dalmas *MIA* għall-approvazzjoni tagħhom biex imbgħad inkunu nistgħu nipproċedu bix-xogħlijiet.

14. Is-sindku qal li jinħtieġ li jiġi notifikat il-*bidder* tellief b'*letter of intent* illi l-**offerta tal-iskart imħallat tad-djar tal-Kunsilli Lokali tal-Imqabba u ta' Ħal Safi (KLS),** se tkun mogħtija lil-bidder l-ieħor. Is-segretarju eżekuttiv qal li se jiddraftja l-ittra u jgħaddiha lill-KLS ħalli din tkun iffirmata minnhom ukoll u jkollhom ċans jemendawha f'każ ta' neċessità. Ir-riżultat tal-aġġudikazzjoni tal-offerta se jkun disponibbli fis-sit elettroniku fil-minuti li kienu approvati fil-bidu ta' din is-seduta sa jumejn oħra.

15. Il-KLM se jorganizza **ikla għall-kunsillieri u l-istaff** nhar il-Ħadd, 16 ta' Jannar, 2011 fuq suġġeriment ta' xi wħud li mmorru għall-*buffet* u ma jintefaqx aktar mill-ammont speċifikat fil-memo 112 /2010 li ħareġ għall-kunsilli lokali d-Dipartiment għall-Gvern Lokali aktar kmieni din is-sena. Din se ssir f'nofs-in-nhar.

16. Intbagħtet it-talba lill-*Asfaltar Ltd* sabiex iħallas tal-**allegat ħsara** tas-Sur Vincent Attard meta minħabba li ntlaqtu linji tad-dawl waqt li kien qed isir xogħol bil-makkinarju bi preparazzjoni għat-tarmak ta' Triq il-Kileb u Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, inħaraqlu l-*power supply* tal-*computer* tiegħu li jiswa €140.

**AĠENDA**

17. Kienu diskussi l-***management letter points*** li pproponew *Grant Thornton* għas-sena 2009. Din se tkun imwieġba minnha punt punt filwaqt li se jittieħdu l-miżuri indikati f'dawn il-minuti sabiex nirregolarizzaw irwieħna. Waħda mill-osservanzi kienet li ma nistgħux ninnettjaw. Dan inkiteb għal *accounting* inkorrett meta għotja lil-librerija pubblika mill-gvern ċentrali iddaħħlet taqta' spejjeż tal-paga tal-librara f'*expense account*. Is-segretarju eżekuttiv qal li dan jgħodd

ukoll għall-per eżempju il-vot tal-ospitalità fejn donazzjoni li ningħataw ma tistax tiddaħħal biex taqta' spejjeż li jsiru fil-*party* tat-tfal minkejja li dan l-i*sponsor* ikun sar għalhekk.

18. Iridu joħorġu s-sejħiet għall-**kwotazzjonijiet tal-pubblikazzjonijiet tal-KLM** bħalma huma fuljetti, Jum l-Imqabba, Laqgħa Pubblika eċċ. Dan minkejja li kwotazzjonijiet kienu ittieħdu diversi snin ilu u dik ta' *Bestprint Co Ltd* kienet instabet li hija vantaġġjuża.

19. Dwar ***cash cut offs***, is-segretarju eżekuttiv qal illi kien qed idaħħal l-*income* hekk kif kienet qed tiġi mdaħħla fil-kotba bankarji tal-KLM. Minkejja dan il-KLM kien imwissi sabiex dawn jiddaħħlu skond id-data tal-irċevuta u mhux tal-***bank advise***, minkejja li ma jkunx hemm wisq jiem bejniethom.

20. Is-sindku ikkummenta dwar l-**infieq** li semma l-awditur għall-**ispejjeż ta' telefonati fuq il-*mobile*** tiegħu. Minkejja li din il-proċedura inbidlet u mhux jingħata aktar parti mill-ħlas tal-kont, l-awditur sab li s-sindku qatt m'għamel talba għar-rimbors formali minkejja li l-ħlasijiet kienu approvati fiċ-ċedola tal-pagamenti.

21. Kienu approvati l-***financial statements year end 31.12.09*** reveduti għat-tieni darba mill-*Accountant* Richard Falzon. Dawn il-*financial statements* se jkunu mgħoddija lill-*Grand Thornton* biex idaħħlu r-rapport tagħhom u kollox jiġi mgħoddi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur.

22. Għall-**assenza tal-viċi sindku** fil-laqgħat tal-KLM li wkoll ikkummenta dwarha l-awditur, se tintbgħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex is-siġġu tal-Kunsillier Charles Farrugia ma jkunx dikjarat vakant għax meta ma setax jattendi kien dejjem minħabba l-impenn li jitlob l-impjieg prinċipali tiegħu.

23. Il-KLM iddiskuta l-**ispejjeż tar-rimi tal-iskart** li qed jibgħatulna l-kumpanija *WasteServ Malta Ltd*. Dwar dan intqal illi l-gvern ċentrali għamel dawn l-arranġamenti u l-KLM mhux se jħallas ċenteżmu aktar minn dak li qed ikun allokat lilna fl-allokazzjoni governattiva.

24. Għall-**kompetizzjoni tal-Milied tal-*Logs***, is-sindku qal li l-kompetituri u l-€5 li qed tintalab għall-entratura se tmur għall-***Malta Community Chest Fund***. Dawn il-*logs* se jkunu ikkunsmati fil-***party* tat-tfal** li se jinżamm nhar it-18 ta' Diċembru, 2010 fl-Iskola Primarja Mqabba. Issemmew diversi animaturi, bħal *magician*, *Christmas Father* u fornituri li l-kunsillieri se jippruvaw iġibu *sponsor* minn għandhom. Il-viżita li se jagħmlu l-kunsillieri fl-istess skola se ssir nhar it-22 ta' Diċembru, 2010, filwaqt li jumejn qabel, se tinżamm l-attività annwali ta' **Jum il-Premjazzjoni** fis-6:30pm. Is-segretarju eżekuttiv se jindaga min se jkun mistieden. Intant fil-ġurnata ta' wara dan l-avveniment, jiġifieri fil-21 ta' Diċembru, 2010 fis-6:30pm se tinżamm il-**laqgħa tal-KLM.**

25. Nhar is-26 ta' Diċembru, 2010 bejn id-9:00am u nofs-in-nhar il-KLM se jorganizza id-***drink* għall-għaqdiet.** Is-segretarju eżekuttiv kien mitlub sabiex jinsisti mal-iskrivani sabiex dawn jibgħatu l-inviti kmieni kemm jista' jkun filwaqt li se naraw lil min se nistiednu. Fl-istess jum u ħin qed ikun propost sabiex jinfetaħ il-**Katakombi tal-Mentna** minn *Heritage Malta* u l-KLM iħallas il-€25 mitluba minnhom. Dwar il-ftuħ ta' dan il-katakombi ftit tal-ġimgħat ilu, il-viċi sindku qal illi sal-10:20am dan kien għadu ma nfetaħx u l-attendenza kienet batuta għaliex ma kienx hemm pubbliċità.

26. Kienu approvati iċ-**ċedoli tal-pagamenti** numri 399 u 400.

27. F'punti oħra Nicholas Briffa ippropona li d-***disabled bay*** viċin il-Knisja jinbidlilha postha kif ukoll arranġamenti ta' parkeġġi u marki li jabolixxu parkeġġ illegali fi Triq San Bażilju viċin il-*MUSEUM* tal-bniet.

28. Nicholas Briffa ippropona illi jsir ***reinstatement* fuq servizz tal-ilma** ‘l isfel mill-*Maypole* fi Triq Santa Katerina. Is-sindku qal li se nippruvaw nagħmluh bil-*hot rolled asphalt.*

29. Nicholas Briffa semma il-***wire* tal-*GO plc***, li hemm mitluq mal-art viċin ir-residenaza tiegħu fi Triq Mikalanġ Sapiano. Hu qal li dan jinħtieġ li jiġi eliminat minħabba ħsarat u għal raġunijiet ta’ sigurtà. Is-sindku wieġeb li qiegħed f’kuntatt mat-tekniċi ta’ *GO plc* fejn fil-ġranet li ġejjin ser jirregolarizzaw il-pożizzjoni tal-*cable* kif suppost.

30. Grace Marie Mallia qalet illi jinħtieġ li ssir **manutenzjoni fi Triq it-Torri**. Hija sostniet illi din it-triq rurali jgħaddu minnha diversi persuni fosthom anzjani. Is-sindku qal li se ssir manutenazjoni billi nġibu l-boroż tal-*cold asphalt* aħna stess.

31. Grace Marie Mallia ilmentat minn ħafna **ħmieġ tal-klieb f’Misraħ il-Fidwa**. Hija qalet li hemm bżonn ta’ *green warden.*

32. Dwar il-**permess ta’ xogħlijiet fit-toroq** imsemmija mis-sindku, jiġifieri toroq ġodda bħal dik ta’ Triq Ġiacomo Tortella, Triq Ġużeppi Galea u Triq Annetto Caruana, fejn saħaq li rridu nistaqsu lill-*MEPA* biex jagħtuna il-livelli għaliex ix-xogħol hu mistenni li jibda’ f’Jannar, Nicholas Briffa sostna illi għandna **nirrevedu l-kontijiet** u nikkomparawhom mal-istimi oriġinali. Is-sindku wieġeb li sal-lum għandna l-kontijiet tax-xogħol kollu li sar u la neħilsu x-xogħol fejn għaddej bħalissa nistgħu nerġgħu nqabblu kollox.

33. Is-sindku qal li b’sodisfazzjoni jinnota li l-*WSC* ser tħallas il-***mains* il-ġodda tad-drenaġġ** sabiex jieħdu post il-qodma u li fil-preżent qiegħdin jikkawżaw diversi problemi f’uħud mit-toroq u r-residenti tagħhom. Il-*mains* li ser isiru mill-ġdid huma fi Triq il-Murselli, Triq is-Saljatura, parti minn Triq iż-Żurrieq, u parti minn Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Dawn ser jinbidlu mill-istess kuntrattur tagħna qabel ma jinksew bit-tarmak f’din l-aħħar parti tal-proġett ta’ “Toroq 29”

34. Paul Spiteri tkellem dwar l-importanza tat-**tabella fil-bidu ta’ Triq il-Fjuri** kważi fil-kantuniera ma’ Triq il-Parroċċa biex titressaq aktar ‘il barra.

35. Il-kunsillieri kellhom aċċess għall-**korrispondenza** kollha li kien hemm fuq il-mejda tal-kamra filwaqt illi l-laqgħa ntemmet fid-9:00pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*21 /12 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |